**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
*e*mail: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 29/K6/10

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 29/02/'10** **258**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 29/02/'10** **312**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 25 ta' Frar 2010.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.30 p.m.

1.03 Preżenti: Seba' membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u skrivana.

1.04 Kienu preżenti l-Accountant u l-perit tal-Kunsill, is-Sur Louis Padovani u s-Sur Stephen Farrugia.

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2. Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-19 ta' Frar 2010. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Diċembru 2009
3. Proġetti re Fondi tal-UIF
4. Tenders - Xiri jew Kiri ta' van
   - Manutenzjoni tas-Sinjali u Marki tat-toroq
5. Skart Separat
6. Korrispondenza
7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 26/K6/10, 27/K6/10 u 28/K6/10 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 26/K6/10, 27/K6/10 u 28/K6/10.

1.3.03 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**2 Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Diċembru 2009**

2.01 Il-Kunsill kellu kopja tar-Rapport Finanzjarju sal-31/12/09 (Ara Appendiċi ' A ').

2.02 Is-Sur Louis Padovani ta spjegazzjoni dettaljata ta' dan ir-rapport.

2.03 Wara diskussjoni l-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sal-31/12/09.

2.04 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

2.06 Saret riferenza għall-korrispondenza 669/10 dwar e-mail mingħand in-National Audit Office rigward l-Unaudited Financial Statements. Il-Kunsill ġie nfurmat illi l-Financial

Statements ġew iġġustati skond l-e-mail ta' l-NAO iżda l-figuri baqgħu l-istess.

2.07 Iċ-Chairman irringrazzja lis-Sur Padovani u lis-Segretarju Eżekuttiv għall-ħidma tagħhom. Is-Sur Padovani ġie skużat fl-2.55 p.m.

2.08 Iċ-Chairman talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jigu diskussi items 4 sa 8, qabel item 3, sakemm jasal il-Perit.

2.09 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 4 Tenders

### Xiri jew Kiri ta' van

4.01 B'riferenza għat-Tender tax-Xiri jew Kiri ta' van, il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja ta' Skeda (ara Appendici 'B').

4.02 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li ma tingħażel l-ebda offerta minħabba li waħda mill-offerti ma kelliex il-bid-bond filwaqt li l-oħra ma kienetx vantaġġjuża.

4.03 Il-Kunsill ġie nfurmat illi:-

- s-Sur Carmel Sant, wieħed mill-ħaddiema assenjati ġie mitlub lura mill-IPSL filwaqt li ż-żewġ ħaddiema l-oħra qed isibu diffikulta biex isuqu vettura manwali.

- Minn informazzjoni verbali li ngħata lill-Kunsill jidher li fil-futur il-ħaddiema assenjati ser jiġu mitluba lura mill-IPSL.

4.04 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn jiġi nfurmat li wieħed mill-ħaddiema assenjati ssejjaħ lura mill-IPSL u sabiex il-Kunsill jigi nfurmat jekk dan huwiex ser jiġi 'replaced' u jekk hemmx il-ħsieb li fil-futur il-ħaddiema li baqa' humiex ser jinġabru lura mill-IPSL. Dan minħabba li l-Kunsill għandu l-

ħsieb li jixtri vettura għall-użu tal-Kunsill biex tintuża mill-ħaddiema assenjati. F'każ li jirriżulta li l-ħaddiem li ssejjaħ lura mill-IPSL ser jigi 'replaced' il-Kunsill jitlob li minn jintbagħat minfloku jkun kapaċi jsuq vettura manwali.

**Manutenzjoni tas-Sinjali u Marki tat-toroq**

4.05 B'riferenza għat-Tender tal-Manutenzjoni tas-Sinjali u Marki tat-Toroq il-Kunsill ġie ppreżentat bi Skeda (ara Appendiċi 'C') u ġie nfurmat illi kopja tat-Tenders sottomessi, ngħatat lill-Perit Stephen Farrugia biex jagħti r-rakkomandazzjoni tiegħu.

## 5 Skart Separat

5.01 Iċ-Chairman informa liil-Kunsill bil-laqgħat li saru ma' rappreżentanti tal-Green MT u l-Green Pak nhar it-Tnejn l-1 ta' Frar 2010 u għarrafhom illi l-offerta tal-Green MT hija l-aktar vantaġġjuża (ara inc. 803/10 – Appendiċi 'D') iżda qabel jigi ffirmat id-dokument ser isir kuntatt magħhom biex jigu ċċarati xi punti. Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jaċċetta li jsir il-ftehim mal-Green MT u li jiġu ċċarati xi punti.

5.02 Fir-rigward tal-kuntratt tal-WasteServ dwar il-bins (inc. 5906/09), ġie deċiż unanimament li dan il-kuntratt jiġi ffirmat u li l-Green MT jirrifondi l-ispejjez.

## 6 Korrispondenza

6.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 441, 5342, K1326 | E-mail mingħand Myoka Spa rigward it-talba sabiex jitpoġġew *planters* quddiem il-U Bistrot |
| 490 | Memo 26/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Taxxa fuq l-*Allowance* lill-Kunsillieri |

529&K161 Memo 28/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Strateġija Nazzjonali dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart, flimkien ma' ittra li ntbagħtet lill-Kunsill Lokali Tas-Sliema dwar il-Ġbir ta' Skart Organiku

612&K0193 Memo 31/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward ir-Riforma fit-Trasport Pubbliku u l-Għoti ta' Kuntratti / Assenjazzjonijiet mill-Kunsilli Lokali għal Trasport Pubbliku bi Skeda

640, 641, K93&K163 E-mail mingħand Schranz Ltd. rigward it-Tower Crane Base fi Triq ir-Rampa ta' San Ġiljan

669 E-mail mingħand in-National Audit Office rigward l-Unaudited Financial Statements

719&720 E-mail mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward id-devoluzzjoni ta' sit fi Triq Michelangelo Borg k/m Triq M.A. Vassalli

757 Ittra mingħand il-Parliamentary Assembly of the Mediterranean rigward talba sabiex isir *no parking*

776 E-mail mingħand il-Heritage ResCo rigward il-Proposed Conservation-Restoration Projects 2010

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 441

6.02 Saret riferenza għall-ittra mingħand il-Myoka Spa rigward it-talba sabiex jitpoġġew *planters* quddiem il-U Bistrat. Wara li l-Kunsill rega' ikkunsidra t-talba li saret deherlu li ma jistax jaċċetta din it-talba u l-Kunsill ser jieħu l-passi kollha biex jassigura illi kull bankina fill-lokalita' tkun dejjem aċċessibbli għall-pubbliku.

Rif. Nru. 529

6.03 Saret riferenza għal Memo 28/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Strateġija Nazzjonali dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart u ġie deċiż unanimament illi jekk ma jintlaħaqx ftehim mal-Kunsill Tas-Sliema, il-Kunsill joħroġ is-sejħa għall-offerti waħdu.

Rif. Nru. 640

6.04 B'riferenza għall-email mingħand Schranz Ltd. rigward il-*platform* li hemm fi Triq ir-Rampa. Ġie deċiz unanimament illi tintbagħat ittra lill-Bajja Developments sabiex titneħħa l-*platform* fi żmien ġimgħa u meta jinħareġ il-permess tal-MEPA japplikaw għall-permessi meħtiega għand il-Kunsill.

Rif. Nru. 719 & 720

6.05 B'riferenza għall-korrispondenza dwar id-devoluzzjoni ta' l-art iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni illi b'konsegwenza tal-fatt li parti mill-art fejn hu maħsub li jsir il-progett tad-Dar għall-Azjani huwa tal-privat, il-Perit ser ikollu jagħmel pjanti ġodda bi spejjeż għall-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

Rif. Nru. 757

6.06 Saret riferenza għall-ittra li l-Kunsill irċieva mingħand il-Parliamentary Assembly of the Mediterranean rgiward it-talba sabiex issir *no parking*. Ġie deċiz unanimament illi tintbagħat ittra lill-ADT bir-rakkomandazzjoni.

## 7 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet

7.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi ' E').

7.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

7.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 8 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

8.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2801 sa 2822 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi ' F ').

8.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 2801 sa 2822.

8.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9 Materji Oħra

9.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Ġimgħa 26 ta' Frar 2010 ser issir laqgħa mad-Deputat Segretarju tal-Kunsill Tas-Sliema dwar it-tender tal-ġbir ta' l-iskart organiku.

9.02 Saret riferenza għaż- żewġ kwotazzjonijiet li l-Kunsill irċieva mingħand Desmond Mizzi li kienu kkopjati minnu lill-Kunsilliera Irene Borg (rif. Inc. 511 & 512/10, K0176/Pers.Fl./10 – ara Appendiċi 'H'). Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi għandhom jiġu osservati r-regolamenti u l-proċeduri finanzjarji rigward kwotazzjonijiet u tenders. Il-Kunsill għandu jara li jkun hemm fair competition u dan billi għal kull talba li ssir l-ispecifications ikunu ugwali ghal kull minn jikkwota jew jittenderja.

9.03 Il-Kunsill ġie infurmat illi għadu qed jistenna l-ispecifications mingħand is-Sur Albert Borg (MP&DC) sabiex tkun tista' tinħareġ sejħa għall-kwotazzjoni jew sejħa għat-tender biex tigi rranġata x-xibka tal-graund.

9.04 Għal Jum San Ġiljan ġie deċiz unanimament illi:-

- Issir il-ħarġa għall-anzjani fis-7 ta' April 2010.
- Titella' esebizzjoni tal-Vintage Cars fid-daħla tat-Tigulio il-Hadd filghodu. Din ser jieħu ħsieba s-Sindku.

- Issir kompetizzjoni għat-tfal tal-Iskola Primarja u tas-Sacred Heart. Din il-kompetizzjoni tkun tikkonsisti f'komponiment fuq il-villaġġ ta' San Ġiljan. Ġie deċiż unanimament illi l-aqwa tlett komponimenti fost dawk li jipparteċipaw jingħataw ktieb kull wieħed.

9.05 Il-Perit Stephen Farrugia wasal fl-4.10 pm.

9.06 Iċ-Chairman talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jigi diskuss item 3.

9.07 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**3 Proġetti re Fondi tal-UIF**

3.01 B'riferenza għall-fondi tal-UIF il-Perit Stephen Farrugia ta spjegazzjoni ta' kif l-Kunsill jista' jaghmel uzu minnhom f'proġetti li huma l-aktar vijabbli.

3.02 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament illi l-Perit Stephen Farrugia jipprepara d-dokumenti meħtieġa sabiex:-

- Tigi sottomessa proposta lill-MEPA għall-fondi tal-UIF, dwar l-aċċessibilita' aħjar in-naħa tal-Cavallieri Hotel.
- Issir applikazzjoni biex isir il-pont fuq il-blat fi Triq Ġorġ Borg Olivier faċċata tal-Gelat d'Or.
- Meta jinħarġu l-permessi ta' ħdejn l-Meridien jiġu preparati l-proposti lill-MEPA għall-fondi tal-UIF.

3.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ġie skużat fl-4.30 pm.

**9 Other Matters**

9.08 B'riferenza għal Move Together Poster Exhibition sar komunikat mas-Sur George Papagiorcopolo biex tiġi kkjarifikata e-mail li l-Kunsill irċieva mingħand AICCRE (Rif. Nru. 551/10 ara Appendiċi 'G') u minħabba li l-Kunsill ma ngħatax il-flus kollha skont il-ftehim iżda irrifjuta li jagħti l-konsulenza tiegħu minħabba li saħaq li l-Perit m'għadux juża

s-servizz tiegħu. Il-Perit Stephen Farrugia informa lill-Kunsill illi ser jieħu r-responsabilita' biex tigi ssettiljata din il-kwistjoni u jinforma lill-Kunsill bir-riżultat.

9.09 Fir-rigward tal-5-a-side tournament li ser jorganizza l-Kunsill ġie deċiz unanimament li jiġi allokat l-ammont ta' €500 għall-ispejjez kollha nvoluti.

9.10 Saret riferenza għall-avviz li deher fuq il-Malta Independent fir-rigward tat-35+ a new social group u ġie deċiż unanimament li dan l-avviż jidher ukoll fuq it-Times of Malta.

9.11 Wara diskussjoni qasira ġie deċiz illi:-

- Isiru sitt bollards, erbgħa fi Triq il-Knisja u tnejn fi Triq Lapsi.
- Tiġi rrangata l-bandla tad-disabled fi Ġnien Dun Anton Sciberras
- Jitneħħew iż- żewġ arbli tad-dawl li hemm f'nofs il-ġnien u l-wieħed ordnat jiġi kkanċellat.
- jinżebgħu l-linji s-sofor fi Triq it-Tamal.
- Tintbagħat ittra lill-Ministeru tax-Xogholijiet dwar il-Pjazza ta' Paceville quddiem il-Burger King, minħabba li l-pavimentar rega' sfronda.
- Tintbagħat talba lill-MSD sabiex iż- żewġ arbli ta' fuq il-pont li jagħti għall-Knisja Parrokkjali jsirilhom id-dawl li hemm nieqes.

9.12 Il-Kunsillier Richard Scicluna ppreżanta petizzjoni min-nies ta' Triq Forrest u Triq il-Mensija dwar il-problema tal-parking li hemm ħdejn in-nursery tat-tfal fi Triq Forrest.

9.13 Il-Kunsill ġie ppreżentat €165 bħala donazzjoni mingħand is-Sur Matthew Azzopardi u s-Sur David Simon Nager talli għamlu użu mill-5-a-side pitch f'Ta'Giorni.

9.14 Iċ-Chairman informa lill-Kunsill li l-Karnival għal sena oħra konsekuttiva kien ta' suċċess.

9.15 Iċ-Chairman għalaq il-laqgħa fil-5.10 pm.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |